MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 1161/2008

**GO plc (C22334)**
**Vs**
**Ronald Agius (ID No 1044447M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta' rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia bhala ufficjjal inkarigat mit-taqsima Arrettrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta kontra Ronald Aguis f'ismu proprju u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ronald Agius Limited (Cit. Nru 964/95 AJM) giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Dicembru, 1995, u fl-istess kawza il-konvenut pro et noe gie gie ikkundannat jhallas lis-Socjeta' rikorrenti 's-somma ta' seba' mija tmienja u tletin lira Maltin u seba' centezmi valuta antika (LM738.07), illum ekwivalenti ghal elf seba' mija u dsatax il-Euro erbgha u ghoxrin centezmu

(€1,719.24), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 318840.

Illi is-Socjeta rikkorrenti qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u anke bl-isem Maltacom p.l.c. u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C22334.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mitejn tlieta u ghoxrin Euro sitta u erbghin centezmu (€223.46) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll elf seba' mija u dsatax-il Euro erbgha u ghoxrin centezmu (€1,719.24), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-14 ta' Novembru, 2008, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' tlett elef sitt mija wiehed u sittin Euro erbgha u disghin centezmi (€3,661.94), salv kull imghax u spejjez ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn ghaxar (10) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Talbet filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat ir-risposta tal-intimat Ronald Agius, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi preliminarjament din il-procedura hija nulla ghaliex ma gietx intavolata kontra l-partijiet kollha fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-15 ta' Dicembru 1995 fl-ismijiet Saviour Farrugia noe vs Ronald Agius pro et noe;

Illi in oltre huwa jopponi it-talba tar-rikorrenti stante li is-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni kienet ittiehdet in kontumacja, wara li saru notifiki f'indirizz li ma kienx iktar tieghu kif jigi ippruvat;

Illi ghal kull buon fini l-esponent bi hsiebu jintavola rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza li a bazi taghha inghatat is-sentenza mertu ta' dan ir-rikors minhabba karenza fin-notifika tac-citazzjoni kif intqal;

Illi f'kull kaz l-ammont mitlub huwa kkontestat;

Rat id-dokumenti li gewipprezentati u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi fir-risposta tieghu l-intimat issottometta illi preliminarjament il-procedura odjerna hija nulla ghaliex ma gietx intavolata kontra l-partijiet kollha fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-15 ta' Dicembru 1995 fil-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia noe vs Ronald Agius pro et noe;

Illi l-Qorti rat l-imsemmija sentenza, li tinsab esebita a fol. 4 sa fol. 6 tal-process, u rat illi effettivament ir-rikors gie ipprezentat fl-ismijiet korretti stante illi illum il-gurnata il-korporazzjoni Telemalta saret maghrufa bhala GO plc, kif spjegat dettaljatament fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur.

Illi l-intimat Ronald Agius, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 1995, kien gie imharrek f'ismu proprju u bhala Direttur u in rapprezentanza ta' Ronald Agius Limited u ghalhekk il-Qorti tara illi effettivament ir-rikors kellu isir kontra Ronald Agius kif fil-fatt sar.

Il-Qorti rat it-tieni eccezzjoni tal-intimat Ronald Agius illi huwa kien kontumaci meta inghatat is-sentenza tal-15 ta' Dicembru, 1995. Il-Qorti rat illi din it-tieni eccezzjoni wkoll hija minghajr ebda bazi legali stante illi s-sentenza tal-15 ta' Dicembru 1995 hija sentenza definittiva, u ghalhekk il-Qorti qeghda ukoll tirrispingi it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti semghet ix-xiehda illi inghatat mill-Prokuratur Legali Noel Scerri waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2009 fis-sens illi minn dakinhar li inghatat is-sentenza imsemmija sal-lum is-socjeta’ rikorrenti baqghet ma thallset xejn mill-intimat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta’ u tiddeciedi dan ir-rikors billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, peress illi rat illi it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti jirrizultaw gustifikati, tilqa t-talbiet ta’ l-istess socjeta’ rikorrenti; bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------